**"IL-ĦAJJA TA' SANT'ANNA"** — Minn P. Elija minn Ħal-Lija, O.F.M.Cap.—Empire Press, Valletta. 1954. Paġ. 118.

Dan hu ktieb ieħor ta' Patri Elija, Kappuċċin, ktieb interessanti, istruttiv u fl-istess ħin ta' devozzjoni. Hawn f'Malta hawn qima kbira lejn Sant'Anna, Omm il-Verġni Marija u kien jixraq ħafna li f'din is-Sena Marjana ssir ukoll tifkira ta' Omm Marija għax ma tistax tissemma Waħda bla ma titfakkar l-Oħra.

Il-ktieb jispjega dettaljatament il-ħajja ta' Sant'Anna mit-twelid sal-mewt tagħha u fih xempju ta' ħajja miġbura, bieżla, qaddisa, ħajja mimlija bil-barka, bis-sliem u bit-tjieba kif għandhom igħixu nies tar-ruħ u tal-galbu. Għaldaqshekk biss il-ktieb hu ta' tagħlim u ta' fejda, imma barra dan fil-ktieb hemm ukoll studju serju għax ix-xogħol hu mfassal fuq l-Iskrittura, fuq l-Evanġelji u fuq l-opri tas-Santi Padri. Tant hu hekk li l-qarrej jinduna mill-ewwel li l-awtur ħa ħsieb biex joqgħod fuq dak li kitbu l-awtoritajiet biss u biex jifred l-element leġġendarju mill-element veru u magħruf.

Laqatna wkoll l-element kontemplattiv li fih dan il-ktieb. Biex insemmu biċċa waħda biss, fil-paġni 42 u 43 hemm silta ta' kontemplazzjoni li tpaxxi u tfarraġ ir-ruħ għatxana għall-qdusija.

Il-ħajja ta' Sant'Anna tagħlaq b'kapitlu fuq id-devozzjoni vera u prattika lejn din il-Qaddisa. kapitlu utili u ta' għajnuna kbira għall-eluf ta' devoti tagħha; imbagħad hemm kapitoli oħrajn dwar il-qima lejn Sant'Anna f'Malta u barra minn Malta. Aħna ħadna pjaċir naqraw tagħrif fuq il-Parroċċa ta' Sant'Anna ta' Wied il-Għajn, u ammirajna l-ġmiel u l-kobor tal-Knisja Parrokkjali li qiegħda tinbena hemm. J'Alla dan il-ktieb iservi biex iħeġġeġ in-nies fil-qima tagħhom lejn Omm il-Madonna, ikattar id-devozzjoni lejha u jagħmel il-ħila lin-nies ta' Wied il-Għajn u dawk in-naħiet biex iħabirku dejjem aktar ħalli jwasslu għat-tmiem il-bini tal-knisja l-ġdida f'ġieh Sant'Anna.

G.

---

## KOPJI QODMA TA' "IL-MALTI"

Dawk l-abbonati jew membri li għandhom xi kopji doppji jew żejda ta' "Il-Malti" huma mitluba li jibagħtuhom lill-Kaxxier, is-Sur VICTOR APAP, għal-Librerija tad-Dar tal-"Għaqda", għax jonqsuna mill-kollezzjoni sħiħa ta' "Il-Malti". Bihom inkunu nistgħu naqdu lil dawk il-membri li jonqsuhom xi kopji qodma, fosthom dawk ta' l-1925-32; 1933-40.

## LISTA TA' KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-FOND TAL-KERA U BŻONNIJIET TAD-DAR TAL-"GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI"

### Kontribuzzjonijiet għall-Kera tas-Sena 1955

Din hija t-tielet lista li turi l-ismijiet ta' kontribwenti u s-somom li ngħataw minn kull wieħed għall-kera tas-sena 1955:

| | |
|---|---|
| Rev. Dun Karm Sant ... ... ... ... | £1. 0. 0. |
| Is-Sur Ivo Muscat Azzopardi ... ... ... | 1. 0. 0. |
| Is-Sur F.S. Caruana ... ... ... ... | 2. 0. 0. |
| Is-Sur M. Agius ... ... ... ... | 10. 0. |
| Prof. Kan. E. Coleiro ... ... ... ... | 1. 0. 0. |
| Dr. A. Buttigieg ... ... ... ... | 1. 0. 0. |
| Is-Sur J. Chetcuti ... ... ... ... | 1. 0. 0. |
| Dr. J. Galea ... ... ... ... | 2. 0. 0. |
| Prof. Rev. A. Tabone ... ... ... ... | 1. 0. 0. |
| Rev. P. P. Rapa, O.P. ... ... ... ... | 1. 0. 0. |
| Is-Sur A. Cremona ... ... ... ... | 2. 0. 0. |
| Dr. G. Zammit ... ... ... ... | 1. 0. 0. |
| | £14. 10. 0. |